MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 400/2012

**Theresa CARUANA**

**Vs**

**Anna CARUANA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-31 ta' Mejju, 2012** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elfejn seba' mija disgha u erbghin euro [€2,749] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-intimata sselfet minghand l-attrici s-somma ta' €2849.

Illi minn din is-somma l-intimata rrifondiet is-somma ta' €100 f'pagamenti ta' €50 kull pagament.

Illi ghalhekk, il-bilanc dovut lill-attrici huwa ta' €2749.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob lil dan it-Tribunal jordna lill-intimata thallas is-somma dovuta".

Ra **r-risposta tal-intimata** minnha mressqa fit-3 ta' Jannar, 2013 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-intimata m'ghandha l-ebda relazzjoni ġuridika ma l-attrici u ma sselfet l-ebda flus minghandha;

2. Illi jekk is-self saret lir-ragel ta' l-intimata, Edwin Caruana, illum mejjet, l-intimata kienet separata u jekk is-self sar qabel is-separazzjoni t-transazzjoni hija nulla u bla effett stante illi saret minghajr l-awtorizzazzjoni ta' l-intimata.

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri".

Ra l-verbal datat 15 ta' Lulju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimata tas-somma ta' €2,749, liema somma kienet inghatat b'self lilha mill-istess rikorrenti. L-intimata da parti taghha tghid li hija ma ssellfet l-ebda flejjes minghand ir-rikorrenti.

Ikkunsidra;

2. Fis-seduta tal-5 ta' Marzu, 2013 giet imsejjha biex tixhed **l-intimata** mit-Tribunal. Mistoqsija jekk hija qattx irċeviet flus minghand ir-rikorrenti, l-intimata stqarret li "*... jiena qatt ma rċevejt flus minghandha*" (fol. 23). Kompliet

tghid li "*Jekk ir-rikorrenti selfet xi flus lill-zewgi jiena ma nafx bihom dawn il-flus jekk selfithom. Jiena ma kontx ma' zewgi*" (fol. 23). Mix-xhieda taghha, jirrizulta li żewġha gie nieqes fl-20 ta' Settembru, 2009 u erba' (4) snin qabel ma gie nieqes hija telqet mid-dar u ma baqghetx tghix iżjed mieghu bhala martu.

Fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2013 xehdet minn jeddha **l-intimata**. Meta ġiet mistoqsija jekk hi kienitx taf li r-rikorrenti kienet qeghda tislef il-flus lil żewġha, l-istess intimata tghid li "*... jiena ma kont naf b'xejn*" (fol. 35). Tistqarr li hi fis-sena 2005 telqet mid-dar matrimonjali u tghid li xi hmistax wara li kien gie nieqes żewġha, r-rikorrenti kienet kellmitha meta ratha fi Strada Rjali, l-Belt u staqsietha kif kienet ser tibqa fuq il-flus. Ir-rejazzjoni ta' l-intimata kienet "*xi flus huma dawn?*" (fol. 35) u meta spjegathilha qaltilha "*mela mur Rahal Gdid*[1] *u ghid lilu*" (fol. 35). Tkompli tghid ir-rikorrenti li hi u żewġha kemm-il darba irrikorrew ghal Qrati minhabba l-problemi matrimonjali ta' bejniethom u tul dawn l-okkazzjonijiet kollha qatt ma ssemmew il-flejjes li r-rikorrenti allegatament kienet tat lil żewġha. Tichad li hija qatt tat xi flus lir-rikorrenti jew lil Joe Portelli li jiġi r-ragel tat-tifla tar-rikorrenti. Mistoqsija mit-Tribunal kif tispjega dak li xehdu dwaru r-rikorrenti, bintha u żewġha, l-intimata tghid li dak kollu gideb u li hi ilha l-fuq minn ghaxar snin ma tidhol ghand ir-rikorrenti.

L-intimata xehdet in kontro-ezami fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2013. Meta ġiet mistoqsija jekk hi u żewġha kienux legalment separati, l-intimata twieġeb fin-negattiv però kien hemm proċeduri ta' separazzjoni pendenti. Meta gie nieqes kien hemm proċeduri pendenti ta' separazzjoni. Tistqarr li hi lir-rikorrenti qatt ma talbitha flus u x'kien jaghmel żewġha hi ma tafx ghax ma kienitx tghix mieghu. Mistoqsija "*jekk il-familja tal-membri tar-rikorrenti kienux avvicinawni sabiex jiena nirrifondi lura l-flejjes illi kienu nghataw*" (fol. 43) l-intimata tghid li "*iva kien hemm dawn l-okkazzjonijiet*" (fol. 43). Pero tghid ukoll li xi flus huma

[1] It-Tribunal jifhem li l-intimata kienet qeghda taghmel referenza ghac-cimiterju ta' l-Addolorata fejn hemm midfun żewġha.

dawn hi ma tafx. Mistoqsija jekk kienx hemm xi okkazzjoni fejn ir-ragel tat-tifla tar-rikorrenti kienx ċemplilha u qalilha biex hi tirrestitwixxi lura l-flus, l-intimata filwaqt li tikkonferma li kien hemm okkazzjoni meta Joseph Portelli kien ċemplilha, tichad li hi qatt qaltlu li kienet ser thallas dawn il-flejjes mislufa. Mistoqsija tispjega x'kienet ir-raguni l-ghala hi ghamlet żewġ pagamenti ta' €50 il-wiehed lir-rikorrenti, l-intimata tghid li "*.. jiena qatt ma tajt flus lir-rikorrenti*" (fol. 43).

3. **Carmen Portelli,** bint ir-rikorrenti xehdet f'din l-istess seduta tal-5 ta' Marzu, 2013. Hija qalet li l-intimata tghix fl-appartament li jiġi taht dak ta' ommha r-rikorrenti. Il-kontendenti kienu hbieb sew tant li anke lil bintha gieghli halliet torqod ghandha. Qalet ukoll li "*jiena lill-mama' qatt ma rajtha taghti flus lill-intimata però niftakar okkazzjoni fejn ir-ragel tal-intimata Eddie kien qal lir-ragel tieghi Joseph Portelli li kien sejjer jitlob xi flus lill-ommi*" (fol. 24). F'din l-okazzjoni kien hemm, apparti x-xhud u żewġha, l-intimata. Is-self sar fi flus Maltin. Ix-xhud tkompli tghid li ommha kemm-il darba qaltilha li hija kienet selfet xi flus lil intimata u lil żewġha. Tkompli tghid li "*Il-mama kienet tghidli li Eddie xi kultant meta kien ikollu x-xoghol kien ihallas xi haġa minn dak li kellu jaghtiha u mbaghad jerga jitlobha, dan peress li Eddie ma kellux xoghol fis*" (fol. 24). Madwar sentejn ilu, hija kienet iltaqghet ma l-intimata fit-tarag komuni ghall-appartamenti taghha u ta' ommha u hemm staqsietha meta kienet fi hsiebha tirritorna l-flejjes li kienet selfitha ommha r-rikorrenti. L-intimata kienet qaltilha "*... li hi kienet kellmet lill-zewgi Joey, kif appena qaltli hekk dahlet mal-ewwel gol-appartament taghha*" (fol. 24). Ix-xhud tghid li ommha kemm-il darba kienet titlob lill-intimata biex thallasha l-ammont misluf lilha, iżda din dejjem kienet issibilha xi skuza jew ohra bhal li mhux qeghda tahdem jew li kien wasal il-kont tad-dawl u l-ilma.

In kontro-ezami, ix-xhud qalet li fl-okkazzjoni li l-intimata u żewġha infurmawhom li kienu ser jitolbu xi flus minghand ommha, l-intimata u żewġha kienu ghadhom flimkien u ftakret li kienu fil-kamra tas-salott ta' ommha. Tistqarr però li "*Jiena naf li l-intimat ssellfet flus minghand ommi ghax qaltli ommi kif diġà ghidt qatt ma rajt lill-ommi tghaddi flus*

*direttament lill-intimata, smajt biss*” (fol. 24). Regghet ikkonfermat però li “*... smajt lill-Eddie cioe r-ragel tal-intimata jghid li kien ser jitlob il-flus minghand ommi*” (fol. 24).

4. **Joseph Portelli** li huwa miżżewweġ lit-tifla tar-rikorrenti xehed fil-5 ta' Frar, 2013. Huwa qal li kien hemm okkazzjonijiet meta r-ragel tal-intimata kien jghidlu “*m'nalla kienet tkun il-kunjata tieghi l-ghaliex kienet tislifhom xi flus*” (fol. 26). Kompla jghid li r-ragel ta' l-intimata ma kellux impjieg fis u li meta kien ikollu bżonn il-flus, huwa kien jaqa fuq ir-rikorrenti. Ftakar li f'okkazzjoni minnhom, ir-ragel ta' l-intimata kien hadu fl-appartament tieghu – li jiġi taht dak tar-rikorrenti – u li kien reggha qallu li “*m'nall tkun ir-rikorrenti illi meta kien ikollu bżonn xi haġa kienet tisilfu*” (fol. 26). F'din l-okkazzjoni kien hemm preżenti l-intimata. Ix-xhud ikompli jghid li kien hemm drabi ohra fejn ir-ragel ta' l-intimata kien issemmilu din il-kwistjoni tas-self tal-flus mill-kunjata tieghu. Issemmi z-zmien tal-Milied meta kienu qeghdin jiehdu *drink* ghand ir-rikorrenti fejn ir-ragel ta' l-intimata reggha qal l-istess haga. Izid ighid li wara li kien gie nieqes ir-ragel ta' l-intimata huwa kien ċempel lill-intimata biex ikellimha fuq il-kwistjoni tas-self tal-flus u kif kienet ser taghmel biex troddhom lura lir-rikorrenti. Jghid li “*wara li kien gie nieqes ir-ragel ta' l-intimata jiena kont cempilt lill-intimata. Jiena kont dhalt fil-bicca tax-xoghol tal-flus li kellha taghti l-intimata lill-kunjata tieghi peress illi marti Carmen kienet qaltli li ommha kienet qaltilha li jekk l-intimata thallas dak li kienet hadet minghandha allura kienet taghti xi haġa tal-flus lilna u lill-hutha*” (fol. 26). Ikompli jghid li “*Kont sahansitra ghidt lill-intimata illi l-bicca taghha kont lest illi sehemha niehdu minghandha stess u nithallsu biċċa bicca*” (fol. 26). Skond dan ix-xhud, l-intimata kienet “*... qaltli iva hu ghalija dak tfisser li kienet qeghda taċċetta dik il-proposta li ghamiltilha*” (fol. 26). Finalment ighid li wara li kien gie nieqes żewġha, l-intimata kienet ghamlet żewġ hlasijiet ta' hamsin euro (€50)-il wiehed. Dan id-diskors kienet qaltulu r-rikorrenti l-ghaliex hu ma kienx preżenti f'dawn iz-zewg okkazzjonijiet.

In kontro-ezami, filwaqt li jikkonferma li l-intimata kienet xi drabi preżenti meta żewġha kien qallu li huwa kien issellef xi flus minghand ir-rikorrenti, l-istess xhud jistqarr li "*Jiena qatt ma smajt lil Anna Caruana titkellem dwar xi self li kienet hadet minghand il-kunjata, lanqas ma rajt lill-intimata tissellef xi flus*" (fol. 26). Lanqas ma sema' lill-intimata titkellem direttament mar-rikorrenti dwar dawn il-flejjes mislufin.

5. **Ir-rikorrenti xehdet** permezz tal-procedura ta' l-affidavit. Tibda billi tghid li hi u l-intimata huma ġirien u habiba taghha. Tkompli tghid li "*... kien hemm żmien meta kemm Anna kif ukoll żewġha gew bżonn il-flus, u ghalhekk talbuni sabiex nislifhom xi flus jiena. Jiena kont accettajt li naghmel dan*" (fol. 29). Meta kienet tislifhom il-flus, ġieli kien hemm l-intimata u żewġha flimkien u ġieli silfet xi flus lil Anna personalment. L-intimata, tkompli tghid ir-rikorrenti, kienet tghinha fil-bzonnijiet li kien ikollu binha peress li huwa dijabetiku u ghalhekk imbaghad, r-rikorrenti ma kienitx tiddejjaq tghin lill-intimata fil-bzonnijiet taghha. Minhabba din il-hbiberija kienet dahlet ukoll ċertu fiduċja bejn il-partijiet.

Ir-rikorrenti tkompli tghid li "*... Anna kemm-il darba ġiet ghandi sabiex jiena nghaddilha ammont ta' flus, li kien hemm drabi fejn talbitni biss ghoxrin lira Maltin, però kien hemm drabi ohra fejn talbitni l-fuq minn mitt lira Maltin.*" (fol. 29). Ir-rikorrenti tistqarr li lanqas imghaxijiet ma kienet titlobha lill-intimata. Tghid ukoll li hija baqghet tislef il-flus lill-intimata u lil żewġha peress li kien hemm żmien fejn kienu jrodduhomlha lura. Meta imbaghad rat li ma kien qieghed isir l-ebda pagament ghal flus li kienet selfitha dan l-ahhar, ir-rikorrenti qalet lill-intimata sabiex tibda troddilha l-flus lura f'ammonti zghar imma spissi. Minkejja dan però, r-rikorrenti tghid li l-intimata dejjem kienet isibilha xi skuża bhal li kellha xi kont tad-dawl xi thallas. Minkejja li l-intimata ma kienitx qeghda thallasha lura l-flus mislufa lilha, hija xorta wahda baqghet issellifha l-flus. Meta imbaghad l-intimata baqghet ma hallset xejn, ir-rikorrenti ma baqghetx tislifha flus.

B'kollox tghid ir-rikorrenti, hija silfet lill-intimata s-somma ta' Lm1,180 pari ghal €2,749[2] (fol. 29). Baghtitilha ukoll ittri legali u ittra uffiċjali iżda minkejja dawn l-interpellazzjonijiet, l-intimata baqghet ma hallsitx dak dovut minnha.

Ir-rikorrenti tghid li hi kienet inkwetata minhabba l-fatt li l-intimata ma kienitx qeghda thallas lura l-flus mislufin lilha. Minhabba f'hekk kienet kellmet lil bintha u lil żewġha sabiex jghinuha f'dan ir-rigward. Ir-rikorrenti tghid li r-ragel ta' bintha kien qalilha "*... li kien wasal fi ftehim ma' Anna fejn tibda ttih xi haġa tal-flus fix-xahar. In effett Anna kienet ghaddiet lir-ragel ta' binti, s-somma ta' mitt ewro f'darbtejn; darba fit-12 ta' Ottubru 2010 fejn Anna kienet tat hamsin ewro, u darb' ohra fl-4 ta' Novembru 2010 fejn ukoll kienet tat hamsin ewro*" (fol. 29). Ir-ragel ta' bintha imbaghad kien ghaddielha dawn il-flus.

Fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2012 xehdet ir-rikorrenti in kontro-ezami. Meta ġiet mistoqsija jekk kienitx iżżomm rendikont tal-flejjes li kienet tghati lill-intimata, r-rikorrenti tistqarr li kien hemm xi okkazzjonijiet fejn hija żammet notamenti. Mistoqsija biex tesebixxi dawn in-notamenti, ir-rikorrenti tistqarr li "*Jiena dawn il-karti fittixthom u ma nistax nsibhom*" (fol. 32) u meta ġiet mistoqsija allura kif waslet ghall-ammont ta' Lm1,180 hija qalet li "*... jiena kelli l-karti però llum tlifthom*" (fol. 32). Meta ġiet mistoqsija jekk hi kienitx tislef lir-ragel ta' l-intimata jew lill-intimata, r-rikorrenti wieġbet billi qalet li "*... jiena lit-tnejn kont intihom ghax hi kienet tkun qeghda hemmhekk ukoll*" (fol. 32). Ir-rikorrenti qalet ukoll li wara li gie nieqes ir-ragel ta' l-intimata ma regghetx silfet flus lill-intimata. Karti iffirmati mill-intimata jew minn żewġha ma kienx hemm l-ghaliex, tghid ir-rikorrenti, hi kienet tafdhom u qatt ma rat ghajn hazina minghandhom.

6. **Xehed Massimo Caruana**, iben l-intimata. Huwa qal li mis-sena elfejn u hamsa (2005) sakemm gie nieqes missieru, ommu kienet tghix mieghu. Ikompli jghid li "*... fl-*

[2] Proprjament Lm1,180 jigu €2,748.66c

*ahhar tmien (8) xhur li ghamel haj missieri ommi ma kinitx resqet lejn id-dar fejn kien joqghod hu*" (fol. 34)[3]. Qal ukoll li madwar gimgha wara li kien gie nieqes missieru, kienet iltaqghet mieghu r-rikorrenti u kienet staqsietu kif kienu ser jibqghu fuq il-flus. Meta staqsieha dwar xi flus kienet qeghda titkellem, dan ix-xhud ighid li r-rikorrenti kienet qaltlu li hi kienet sellfet xi flus lill-missieru u li issa ridithom lura minghandu, u cioe minghand ix-xhud. L-istess xhud ikompli jghid li "*ghar-rigward ta' ommi r-rikorrenti qatt ma semmietha jew li kienet hadet xi flus minghandha*" (fol. 34).

Ikkunsidra;

7. Fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia** deciza fl-24 ta' Novembru, 1966 l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili kienet tkellmet dwar l-apprezzament tal-provi u l-piz li ghandu jinghata mill-Qorti, f'dan il-kaz mit-Tribunal, lil certu provi u liema ghandhom jigu skartati jew eliminati:

"*Illi huwa veru li hemm konflitt kbir bejn il-verzjoni ta' l-attur u dik tal-konvenut, izda mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa fuq ir-regola ta' l-'in dubio pro reo'. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-konflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta' tolleranza u li ghalihom sewwa inghad li "tot homines tot sententiae", u lanqas ma jkun gej minn verzjonijiet differenti 'bona fidcidenti li jigru u jintemmu malajr u ghalarrieda, e.g. identita, velocita ta' vejikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom, skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghal kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudnijiet li jkunu setghu gew osservati f'perjodu*

[3] Ghalkemm fl-istess deposizzjoni huwa jghid li ommu kienet tmur ghal siegha u imbaghad titlaq l-hemm ghax kien jinqala l-inkwiet bejn il-genituri tieghu.

*twil ta' snin, bhal f'dan il-kaz, allura jsir car li xi wiehed mill-kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni jelbuh u b'hekk jabbuza mill-process tal-gustizzja. Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandix taqa comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq bilanc tal-probabilita u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant, eccezzjoni ta' xi kazijiet gravi li m'ghandhomx rassomiljanza mal-kaz prezenti. Anke f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti*[4]"

8. Inghad ukoll mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza fit-12 ta' April, 2007 illi in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor)[5].

(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'[6].

(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni

---

[4] Ara ukoll f'dan is-sens **George Bugeja vs Joseph Meilak**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru, 2033 per Onor. Imhallef Dr. Tonio Mallia u **Gerald Desira et vs Joseph Barbara** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' April, 2010 per Onor. Imhallef Dr. Ph. Sciberras.

[5] Ara Kollez. Vol. XLVI.I.5;
[6] Ara Kollez. Vol. XXXVII.I.577;

tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni[7].

9. Illi "*ma hemm ebda motiv fil-ligi l'ghaliex ghandha tigi eskluza a priori t-testimonjanza ta' persuna wahda u hu veru wkoll li l-liberu apprezzament tad-deposizzjonijiet tax-xhieda hu mholli lil arbitrju prudenti tal-gudikant li ma ghandu isegwi ebda kriterju iehor hlief dak tal-konvinzjoni intima tieghu, jigifieri tac-certezza morali; però r-raguni naturali trid illi meta ma jkunx hemm hlief it-testimonjanza ta' persuna wahda il-gudikant ghandu jipprocedi bi prudenza kbira fl-apprezzament taghha u jipponderaha sewwa billi jivvaluta c-cirkostanzi kollha proprji biex jikkorroboraw jew jindebolixxu affievolixxu l-motivi tal-kredibilitá tieghu*[8]".

---

[7] Ara Kollez. Vol. XXIV.I.104;

[8] **Rosa armla minn Spampinato-Tabone noe vs Joseph Falzon**, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Kummerc) fil-11 ta' Dicembru, 1964;

Ikkunsidra ulterjorment;

10. Mill-provi prodotti, t-Tribunal huwa tal-fehma li r-rikorrenti irnexxielha fuq bazi ta' probabilita li hija verament kienet selfet flejjes lill-intimata u lil zewgha tul is-snin u li dawn ta' l-ahhar qatt ma irrestitwew l-imsemmija flejjes lir-rikorrenti ghajr ghal zewg pagamenti, ammontanti komplessivament ghal mitt euro (€100). Jirrizulta ukoll, u dan mix-xhieda tar-rikorrenti, li l-flejjes principalment kien jitlobhom zewg l-intimata, pero l-intimata kienet taf b'dan is-self u qatt ma oggezzjonat ghalih. It-Tribunal jifhem li dan huwa s-sens li fih ghandha tigi mfissra x-xhieda tar-rikorrenti meta hija ġiet mistoqsija jekk kienitx tislef lir-ragel ta' l-intimata jew lill-intimata, u wieġbet billi qalet li "*... jiena lit-tnejn kont intihom ghax hi kienet tkun qeghda hemmhekk ukoll*" (fol. 32). Oltre dan, l-istess intimata tghid ukoll li hija taqbel li kien ċemplilha Joseph Portelli, li jiġi r-ragel tat-tifla tar-rikorrenti wara li r-ragel ta' l-intimata kien gie nieqes. Ma tghidx però x'kien intqal bejnha u bejn l-istess Portelli hlief li cahdet li hi qatt qaltlu li kienet sejra thallas xi flejjes. Ukoll, l-istess intimata stqarret li kien hemm okkazzjonijiet qabel il-proceduri odjerni li r-rikorrenti u l-familjari taghha talbuha sabiex tirrestitwixxi l-flejjes mislufa, iżda hi dejjem tghid li hi qatt ma sselfet xejn. L-istess intimata imbaghad esebiet kopja ta' rikors mahluf in sostenn ta' l-argument taghha li hija kienet bdiet proċeduri ghal firda personali bejnha u bejn żewġha, liema proċeduri però ma ġewx mitmuma minhabba li huwa lehaq gie nieqes. Minkejja dan kollu, xorta jibqa l-fatt li flejjes inghataw. Issa inghatawx lil intimata jew lil żewġha individwalment jew lit-tnejn, xorta wahda jibqa l-fatt li t-Tribunal huwa konvint li r-rikorrenti kienet sellfet flejjes. Allura la dawn il-flejjes issellfu waqt l-ezistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti (li kienet teżisti bejniethom in vista tat-tielet talba fir-rikors mahluf li l-istess intimata kienet intavolat kontra żewġha (ara fol. 39)) huwa bix-xieraq li l-intimata taghmel tajjeb ghalihom. Ma gew ippreżentati l-ebda provi quddiem dan it-Tribunal li juru li l-intimata kienet ipprocediet kontra żewġha ghal dan id-dejn u dan fis-sens li dan ma kienx dovut minnha iżda minnu biss. Fir-rikors mahluf esebit, żgur li ma hemm xejn f'dan ir-rigward. Allura d-dejn huwa wiehed komuni ghal

komunjoni u konsegwentement, l-intimata ghandha taghmel tajjeb ghalih.

11. B'referenza ghall-eccezzjonijiet mressqa mill-intimata, jinghad, b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni illi galadarba s-self sar waqt l-ezistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti, allura l-intimata ma tistax tghid li ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti. Ir-rabta hija l-komunjoni ta' l-akkwisti. Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

12. Fit-tieni eccezzjoni taghha l-intimata tistqarr li hija kienet separata minn ma zewgha. Diga rajnha li legalment ma kienitx, izda jekk xejn kienet separata de facto. Dan ma jwassalx li l-intimata ma tkunx responsabbli ghad-djun tal-komunjoni. Inghad ukoll li ma gewipprezentati l-ebda provi li juru li hija kienet bdiet xi proceduri kontra zewgha biex jigi dikjarat l-imsemmi self bhala nulli u bla effett l-ghaliex saru minghajr l-awtorizzazzjoni taghha. Anzi mill-provi jirrizulta li l-intimata kienet konxja ta' l-imsemmi self u t-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita mix-xhieda tar-rikorrenti u x-xhieda taghha li jghidu li l-intimata kienet tkun prezenti meta kien jinghad diskors dwar self ta' flus. Ghalhekk din it-tieni eccezzjoni qeghda tigi michuda.

13. Ghar-rigward ta' l-ammont pretiz, ghalkemm ma ngiebu l-ebda rendikonti, t-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita mix-xhieda tar-rikorrenti li dejjem sostniet li l-ammont pretiz huwa l-ammont li kien gie misluf.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimata u jghaddi biex jilqa t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn seba' mija disgha u erbghin euro (€2,749) flimkien ma l-imghaxijiet fuq l-istess ammont li jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez jithallsu kollha mill-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------